

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Ottubru 2008

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-
Repubblika ta' Kuba skont l-Artikolu XXIV.6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-
Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994, dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fl-Iskedi tar-Repubblika tal-
Bulgarija u tar-Rumanija fil-kors ta' l-adeżjoni tagħhom għall-Unjoni Ewropea**

(2008/870/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Jannar 2007 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' ċerti Membri oħrajn tal-WTO skont l-Artikolu XXIV:6 tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994, fil-kors ta' l-adeżjonijiet fil-Komunità Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika tar-Rumanija.

(2) In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tat-Trattat u fi ħdan il-qafas tad-direttivi dwar in-negozjati maħruġa mill-Kunsill.

(3) Il-Kummissjoni ffinalizzat in-negozjati għal Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kuba. Il-Ftehim għandu jkun approvat.

(4) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom ikunu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ⁽¹⁾,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim b'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kuba skont l-Artikolu XXIV.6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994, dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fil-kors tal-adeżjoni tagħhom għall-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Regolament ta' CMO Waħdieni) ⁽²⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

⁽²⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna/i li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim b'forma ta' Skambju ta' Ittri msemmi fl-Artikolu 1 sabiex jorbtu lill-Komunità. ⁽¹⁾.

Magħmula fil-Lussemburgu, 13 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
B. KOUCHNER

⁽¹⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.